MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru 850/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Abdilla**
**Spettur Martin Sammut**
**v**

**DAVID BONELLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DAVID BONELLO** ta' sebgha w erbghin sena bin il-mejjet Saviour u Maria nee Bezzina, imwieled Pieta nhar t-tletin ta’ Gunju 1958 u residenti ‘Golden Plover’, Triq l-Isqof Gargallo, Gharghur, detentur tal-karta tal-identita numru 454858M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn il-hmistax w is-sittax ta’ Lulju 2005, ghal habta tas-siegha ta’

filghodu waqt li kien l-Fuego Bar, sitwat fi Triq Santu Wistin, San Giljan , Paceville, u fil-vicinanzi; minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Saviour Spiteri detentur tal-karta tal-identita numru 23866M kif iccertifikat Doctor Moira Grech MD Casualty Department fl-isptar San Luqa;

2. talli bil-lejl, voluntarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2005 esibit a fol 2 tal-atti bhala Dok. CSH, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbatax ta' Novembru 2005 (fol 7) li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmintax ta' Dicembru 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sittax ta' Novembru 2005 **xehed l-Ispettur Carmelo Abdilla** [fol 8] fejn qal li fil-lejl ta' bejn il-hmstax w is-sittax ta' Lulju 2005 il-pulizija kienu nfurmawh li kien hemm glieda il-Fuego Bar fejn il-pulizija marret fuq il-post u sabet lil certu Saviour Spiteri li kellu xi demm ma wiccu, kif ukoll kien hemm l-imputat, li beda jsostni li anke garrab xi griehi.  Qal li hu kien baghat ghal David Bonello, l-imputat odjern fit-tnax ta' Settembru 2005 u dan irrilaxxja stqarrija li fiha erba' faccati, fejn qabel kien nghatatlu is-solitu twissija fil-presenza wkoll ta' l-Ispettur Martin

Sammut. Waqt din l-istqarrija l-imputat kien spjega lill-pulizija li fil-lejl ta' bejn il-hmistax w is-sittax ta' Lulju ghall-habta tas-siegha jew s-saghtejn ta' filghodu, kien mar certu wiehed bil-laqam il-"Wongi" bil-vettura tieghu quddiem il-Fuego, baqa tiela l-bankina w ostakola l-bieb principali ta' barra. L-imputat kien qal li dan dahal bil-girja u kien hemm l-imghallem tal-Fuego, certu Mark Grima li zammu milli jkompli jidhol fl-istabbiliment tieghu. Qal li l-imsemmi persuna kellu mieghu ukoll persuna ohra li skond l-imputat dan ma kienx wiehed mill-hewlin u qallu wkoll li kien liebes flokk tac-cingi u kien ghalhekk li ma hallihx jidhol il-Fuego.

Ix-xhud zied jghid li meta l-imputat beda jispjega lil din il-persuna, li dan ma setghax jidhol hemmhekk, dawn bdew jargumentaw mieghu u qalulu li riedu jidhlu bil-forza. L-imputat qal lix-xhud li hu ghalhekk talab l-ghajnuna ta' shabu minn fuq ir-radio u fil-hin u l-mument qabdet kwistjoni bejniethom. Huwa esibixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. CA 2 u stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tnax ta' Settembru li tikkonsisti fi tlett faccati, liema dokument gie mmarkat bhala Dok CA 1.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 2007 **rega' xehed l-Ispettur Carmelo Abdilla** (fol 71) fejn qal li skond investigazzjoni mizmuma minnu rrizultalu li Malcolm Martin bhala xoghol kien isiefer bit-trakkijiet pero kien jaghmel wkoll xoghol bhala *security* l-Fuego. Qal li skond rapport tal-pulizija tal-forensika esebit fl-atti rrizulta li Malcolm Martin kien prezenti ghax-xoghol dakinhar ta' l-incident u kif wkoll dan Malcolm Martin kien gie wkoll aggredit mill-parte civile tant li hemm wkoll certifikat rilaxxjat minn Doctor Formosa fil-konfront tieghu li jindika li dan kellu *slight injuries*. Zied jghid li Malcolm Martin kien wrih li kellu xi daqqiet fuq sidru u qallu li kien hemm *scuffle* u qallu li kien hemm zewg persuni nvoluti, wiehed minnhom kien maghruf bhala l-"Wongi" u li kienet wkoll il-persuna tal-"Wongi" li ferietu. Qal li certu Saviour kien wkoll involut f'dan l-incident pero ma kienx hu li ghamillu dawn il-feriti.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi qmis imqatta involuta f'dan l-incident, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx.

Illi nhar l-hamsa ta' Dicembru 2005 **xehed Mark Grima** [fol 16] fejn qal li bejn il-hmistax w s-sittax ta' Lulju 2005 hu kien fil-bieb ta' l-istabbiliment tieghu bl-isem Fuego Bar li jinsab fi Triq Santu Wistin San Giljan Paceville u kien sejjer lejn l-ufficju tieghu meta qabez il-bankina tieghu, giet karozza b'sahha li speci bniedem pparkja bi *speed eccessiv*, bil-goff u dar u mar lura fil-bieb ta' l-istabbiliment tieghu. Kompla jghid li wara xi minuta hargu zewgt irgiel minn din il-vettura, wiehed minnhom jismu Saviour maghruf bhala l-"Wongi" u avvicinah fit-tarag, ghadda minn hdejn is-*security* tieghu, pogga idejh mieghu u qallu li xtaq jipparkja hemm hekk fis-sens li qallu 'hawn rrid nipparkja.' Qal li dak il-hin hu ma qallu xejn hlief, "ipparkja mhux xorta" bl-intendiment li ma jaqlax iktar inkwiet. Qal li dak il-hin kien hemm hafna nies dehlin fl-istabbiliment tieghu u fil-pront mar iehor, li hareg ukoll mill-istess karozza, li kellu flokk tac-cingi, speci flokk ta' taht bil-kulur u s-*security* tieghu zammu milli jidhol, peress li ma kienx liebes xieraq. Qal li din it-tieni persuna hu mgharafhiex. Qal li l-imputat odjern huwa s-*security guard* tieghu. Zied jghid li t-tieni persuna riedet tidhol b'forza u l-imputat beda jzommu milli jidhol bil-fors, b'referenza ghal siehbu, ghaliex inkwiet jaqla.

Qal li beda jintqal kliem bhal 'naghtikom xebgha' u 'inhassarkom.' w s-*security* baqa jinsisti mieghu li ma kienx liebes xieraq u ghalhekk ma kellux jidhol w imbaghad beda johloq kommossjoni fil-bieb. Ix-xhud zied jghid li hu pprova jdahhal xi nies li kienu qed jistennew biex jidhlu u dahhal xi nies mill-genb ghaliex kienu qed jibzghu mis-sitwazzjoni. <u>Qal li hu pprova jikkalmah u jghidlu biex imur ibiddel, izda dan beda iktar jidghi u jimbutta lilu u Saviour qabad ixejjer idejh u jolqot lil kulhadd, ghalkemm lilu ma laqtux pero kellu agressivita kbira u kellhom izommuh is-*security*</u>. Qal li dan baqa isfel ma l-art fuq it-tarag jirresisti izda fl-ahhar is-*security* tefghuh ma l-art w imbaghad gew il-pulizija u saret is-solita interrogazzjoni.

Mistoqsi kemm kien hemm nies li waqghu ix-xhud qal li kien hemm tnejn min nies u l-imputat kien wiehed min nies li waqqghu ma l-art. Qal li meta kien hemm l-i*scuffle* ghaddej, s-*security* waqghu ma l-art, kien hemm zewg targiet u lkoll waqghu ghal isfel.

Mistqosi jekk rax xi griehi ix-xhud wiegeb li Saviour kellu xi dmija u rah wara li waqa ma l-art. Qal li s-security beda jikkomplanja b'dahru wkoll. Dak il-hin waqt li kien hemm l-i*scuffle* ghaddeja kompla jghid x-xhud, hu beda jcempel lill-pulizija minn fuq il-mobile tieghu.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi nies ohrajn involuti, x-xhud wiegeb li kien hemm xi mara fil-vicinanzi pero ma kienx jaf jekk kinitx involuta jew le peress li kien hemm hafna nies w ghalhekk ma setghax jidfentifika min kien ma min. Qal li l-incident in kwistjoni gara quddiemu.

Mistoqsi kif spiccaw waqghu ma l-art x-xhud wiegeb li Saviour kien agressiv hafna u beda jaghti bil-ponn u s-security qabduh u fl-istess hin waqghu.

Mistoqsi jekk tfixklux f'saqajn xulxin jew intelqux, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

**In Kontro ezami, x-xhud** mistoqsi jekk dak Saviour kienx ix-xufier tal-vettura 'n kwistjoni wiegeb li ma kienx jaf ghalkemm huwa hareg minn fuq id-*driver seat*. Qal li huwa l-istess persuna li lilu qaltlu "jiena hawn rrid nipparkja". Qal li lil Saviour jafu ghax jaf li jaghmel xi zmien *security* fi stabbiliment iehor u li gieli fl-istabbiliment tieghu, ghalkemm lilu qatt ma kellmu. Qal li xi zmien qabel, xi sitt xhur qabel, kellhom *bomb threat* u kienu marru l-pulizija biex jevakwaw il-post u li meta l-pulizija marru javvicinaw lil Saviour, dan beda jkellimhom hazin u kien ukoll aggressiv u spicca immanettjat u huma, biex ma jaqilghux inkwiet, tawh il-beneficcju tad-dubbju u hallewh jidhol. Qal li l-ispettur kien l-Ispettur Daniel Zammit.

Mistoqsi fejn kienet pparkjata l-karozza 'n kwistjoni, x-xhud wiegeb li kellha t-*tyre* taghha mal-bieb ta' l-intrata ta' l-istess stabbiliment u mhux suppost isir parking f'dik il-

bicca tal-bankina. Qal li normalment huma ma jhallu lil hadd jipparkja hemmhekk, for *security reasons*. Qal li kemm il-darba jnehhu l-vetturi minn hemm u hemm ukoll sinjali tat-*tow zone* u pparkjar ma jistax isir assolutament. Qal li fl-incident David Bonello spicca wkoll l-isptar u kellu xi griehi f'dahru.

Mistoqsi jekk is-*security* l-iehor wegghax x-xhud wiegeb li ma kienx jidhirlu, ghalkemm il-*manager* tieghu, Felix Barbara jekk minix sejjer zball kellu xi griehi hfief.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006 **rega' xehed Mark Grima** (fol 56) fejn mistoqsi x'ried ifisser fix-xhieda tieghu, meta xehed nhar l-hamsa ta' Dicembru 2005 u qal il-kliem li l-imputat pogga idejh mieghu u qallu li xtaq jipparkja hemmhekk, x-xhud spjega li dan telgha t-tarag ta' l-istabbiliment tieghu u hu kien tlett passi il-fuq mit-tarag, u l-imputat qallu hawn ried jipparkja, u lilu <u>tah imbottatura zghira u kellmu b'mod arroganti u hazin</u>. Qal li dan kollu sar wara li l-istess imputat kien diga pparkja il-vettura tieghu fuq il-bankina. Qal li l-incident li sehh gara fit-terazzin, barra u kien hemm xi nies li kienu f'dan l-istess terrazin li bdew jisvojtaw minhabba l-istess kommossjoni li ghamel minhabba l-agressjoni tal-parte civile, il-"Wongi". Qal li n-nies bdew jibzghu jidhlu w imbaghad hu pprova jdahhal lin-nies mill-genb.

B'referenza a fol 17, f'nofs il-paragrafu, fejn hemm il-kliem 'baqa isfel ma l-art fuq it-tarag', ix-xhud spjega li b'dan ried ifisser waqa isfel ma l-art. Mistoqsi fejn kien hu qabel ma ra t-tarag, ix-xhud spjega li kien tlett passi boghod mill-*gate* u kien qieghed gewwa l-istabbiliment, il-fuq mit-tarag. Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, David Bonello kien qed jitkellem ma xi hadd u beda jxejjer bil-ponn. Qal li Saviour kien 'l fuq minn dawn it-tlett targiet. Qal li hin minnhom kien vicin u qal kliem fis-sens li dakinhar jidhol bil-fors u kliem iehor mhux xieraq u sussegwentementt rah ixejjer din id-daqqa.

Mistoqsi jekk jafx jekk laqatx lil David jew le x-xhud wiegeb li iva, laqtu f'dahru. Qal li dak il-hin kien dahru lejh u kien dak il-hin meta waqa isfel fuq it-tarag li

sussegwentement David waqa' wkoll. Qal li kien hemm *security* iehor imdahhal certu Michael li prova jzomm lil Saviour u fil-fatt il-flokk tieghu tqatta kollu. Qal li meta jkun hemm *scuffle* bniedem ikun tiela u niezel u li fl-ahhar rnexxielhom izommuh ma l-art lil dan Saviour fuq il-bankina tal-Fuego barra l-istabbilment taghhom. Qal li s-*securities* iwaqqghuh ma l-art sabiex irazznuh milli jkompli jaghti. Qal li wara, David qam u mar fl-ufficju peress li beda jugghu dahru. Fl-ebda hin, kompla jghid x-xhud, ma ra lil David Bonello jaghti xi daqqa b'xi haga lil dan Saviour.

**In ri-ezami x-xhud** mistoqsi jekk rax li Saviour kellu xi dmija, wiegeb li iva, ra li kellu xi dmija f'wiccu u li dan rah wara li qam min ma l-art. Qal li Saviour Spiteri gieli mar fl-istabbiliment taghhom qabel.

Mistoqsi jekk kellux x'incidenti qabel, x-xhud wiegeb li ftit xhur qabel kellhom *bomb threat* u kellhom jevawkaw lill-klienti kollha u Saviour Spiteri ma riedx johrog u li sahansitra rrezista l-pulizija u gie mmanettjat mill-pulizija u tressaq il-Qorti. Mistoqsi jekk rrezistiex lill-pulizija fl-istabbiliment jew barra x-xhud wiegeb li ma kienx jaf, jaf li ma riedx johrog. Qal li f'dan l-episodju kulhadd kien hareg.

Illi nhar l-hamsa ta' Dicembru 2005 **xehed Saviour Spiteri** [fol 20] fejn qal li bejn il-hmistax w is-sittax ta' Lulju 2005 hu nizel l-istabbiliment tal-Fuego f'San Giljan ghal habta tas-siegha jew s-saghtejn ta' filghodu u mar bil-karozza tieghu. Qal li jiffrekwenta dan il-bar ta' spiss. Spjega li kienu hu w il-mara u koppja ohra li ghandhom xi hamsin sena. Qal li r-ragel tal-mara l-ohra kien liebes *sleeveless*, bi flokk bla kmiem. Qal li dahlu l-Fuego, laqaghhom Mark Grima u David Bonello, l-imputat u sellmilhom bhas-soltu u Mark Grima waqaf u qallu li hu setgha jidhol pero siehbu ma setghax bil-flokk bla kmien. Qal li qal lil Mark ghidtlu li hu dejjem fl-istess posizzjoni jkun, mal-bar inpejjep u qallu "mhux ahjar nidhlu! Min ser jarah bil-flokk kif kien? Jien qatt ma qlajt *trouble* hemmhekk. Is-*security* jkellmuni."

Qal li pero ma ried idahhlu b'xejn. Zied jghid li sadanittant hu kien qed ihares lejn l-imputat David Bonello u qallu ftit paroli tas-soltu, biex ihallihh u dan ma riedx. Qal li l-mara tieghu baqghet taht it-tlett targiet tistennih u staqsietu ghaliex ma riedx idahhalhom u hu qalilha li minhabba li siehbu kien bil-flokk. Qalilha li lilu jhalluh jidhol pero ma deherlux li kellu jidhol u jhalli lil siehbu barra u hi gibditlu l-attenzjoni dak il-hin li kien hemm haddiehor bla kmiem. Qal li x'hin dar lura biex jara min kien hemm, biex jigbed l-attenzjoni ta' Mark Grima, gew zewg *securities* ohra warajhom, u x'hin dar biex jiffaccja lil Mark biex jghidlu min huma dawn in-nies li ma kienux lebsin sew, qala daqqa t'oggett iebes u beda johroglu hafna demm fuq imniehru u kellu ferita fuq imniehru u intilef ftit minn sensih.

Qal li lil imputat presenti kien qed jaghrfu. Kompla jghid li dak il-hin il-mara tieghu bdiet tghajjat biex igibu ambulanza u dak il-hin kien hemm xi hadd li ma kienx jaf minn hu, li qal li pulizija ma kienux ser igibu. Qal li ma gabulux silg, ghalkemm il-mara tieghu talbet is-silg. Zied jghid li dak il-hin gew il-pulizija, ghax il-martu cemplitilhom minn fuq il-mobile, pero dak il-hin il-pulizija ma riedux imissuhh, w imbaghad zammewh, dahhluh fil-karozza u qalulu biex imur l-isptar jaghmel certifikat. Qal li dam sas-sitta ta' filghodu. Ix-xhud esebixxa c-certifikati rilaxxjati mill-isptar mmarkat bhala Dok Z u Z1. Qal li sussegwentement kienu cempillu Frank Grima u Ronnie Axisa biex jirranga l-affarijiet u ma jidhlux il-Qorti pero hu qalilhom li la kien hemm il-Qorti, ma setaghax jaqbez il-Qorti.

**In Kontro ezami x-xhud** mistoqsi b'liema mod hu pparkja dakinhar wiegeb li pparkja b'mod normali. Qal li kienet eccezzjoni li hdejn il-Fuego ssib fejn tipparkja pero dakinhar kien hemm fejn. Infatti, kompla jghid x-xhud, l-pulizija lanqas tawh citazzjoni ghal fejn kien ipparkjat.

Mistoqsi min tah daqqa b'oggett iebes wiegeb li <u>jista jkun jew Mark jew l-imputat</u> pero ma dehrlux li Mark kellu xi haga f'idu, ghalkemm seta kellu xi haga fil-but. Qal li s-Sur Bonello kellu radio CB biex jikkomunika mas-*security*

l-ohrajn. Qal li hu gie milqut fuq imniehru fil-genb hdejn ghajnejh fuq in-naha tax-xellug kif tidhol ezatt hdejn il-bieb. Mistoqsi min kien li mbuttah wiegeb li kienu s-*security*, pero min, ma setghax jghid ghax bid-daqqa storda.

Mistoqsi jekk kienx hemm x'incident iehor fl-istabbiliment wiegeb li le, kien vicin Baystreet. Qal li dakinhar fil-fatt kienu ttiehdu proceduri fil-konfront tieghu u kien hareg liberat.

Illi nhar it-tmintax ta' Jannar 2006 **xehed Felix Barbara** [fol 26] fejn qal li bejn il-lejl tal-hmistax w s-sittax ta' Lulju 2005 hu kien ma genb is-*security* fl-istabbiliment maghruf bhala 'Fuego' fi Triq Santu Wistin San Giljan. Qal li fid-daqqa u l-hin giet karozza sewda u imblukkat il-bieb u minn din il-vettura hargu zewg persuni u wiehed minn dawn iz-zewg persuni ma kienx liebes adattat biex jidhol fl-istabbiliment taghhom ghaliex ma kellux qmis. Qal li s-security beda jfiehem lil dan ir-ragel li ma kienx liebes adattat u li ma setghax jidhol u dak il-hin kien hemm ragel iehor, maghruf bhala l-"Wongi" u qal "le jidhol bil-fors" u beda jitkellem hazin. Qal li dak il-hin l-istess l-"Wongi" mar fuq id-direttur tieghu, Mark Grima, u beda jkellmu bl-herra u wara l-"Wongi" mar fuq l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, bl-herra kollha w imbuttah waqt li kien fuq it-tarag u l-imputat spicca ma l-art u l-"Wongi" spicca fuqu u kien hemm is-*security* l-ohra li pruvaw iferruqhom. Qal li hu fl-ebda hin ma ra lill-imputat jaghti daqqa ta' ponn.

Mistoqsi jekk rax lil xi hadd bil-griehi wiegeb li David Bonello kien qed joghrok il-genb tieghu u li kien hemm hafna storbju. Qal li hu baqa jcempel lill-pulizija. Spjega li hu jahdem bhala manager tal-istabbiliment 'Fuego'. Qal li apparti l-imputat kien hemm ukoll Mark Grima.

Mistoqsi min qal lil "Wongi" li ma setghax jidhol wiegeb li kienu s-*security* li waqqfuh.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006 **rega' xehed Felix Barbara** (fol 61) fejn qal ikkonferma li Saviour Spiteri kien diga telgha it-tlett targiet li jaghtu ghall-'Fuego' meta sehh

dan l-incident u beda jitkellem hazin. Ikkonferma wkoll li kemm hu, kemm l-imputat kif wkoll Mark Grima kienu fil-parti ta' fuq ta' dan l-istabbiliment. Ikkonferma wkoll li Saviour Spiteri dahal fl-istabbiliment taghhom b'herra kbira u mar fuq Mark w imbuttah. Qal li l-qmis li spiccat imqatta, kienet tas-*security* Michael. Zied jghid li meta wasal Saviour Spiteri, hu kien mal-*gazebo*, faccata tal-*gate* u li kull min jigi mal-*gate* jkun jista jarah minn fejn kien. Qal li lil Spiteri ma jafux. Qal li kien ilu li beda dan ix-xoghol xi sitt xhur qabel ma sehh dan l-incident.

Illi nhar t-tmintax ta' Jannar 2006 **xehdet Carmen Scicluna** [fol 28] fejn qalet li bejn il-hmistax w is-sittax ta' Lulju 2005 hi kienet diehla fl-istabbiliment 'Fuego' w il-*partner* taghha kien liebes flokk imqaccat w ghalhekk zammewh milli jidhol. Qal li l-partner taghha huwa certu Raymond Zammit, maghruf bhala 'Papps'. Qalet li Saviour beda jitkellem ma wiehed mis-*security guards* u s-*security* beda jghidlu, b'referenza ghall-gharus taghha, li dak ma setghax jidhol. Qalet li hi ma bdietx tara x'kienet ir-raguni ghaliex ma setghax jidhol u hu qalilha li ghax kien liebes flokk imqaccat. Qalet li waqt li kien qed izommhom setghu jinnutaw nies ohra dehlin bi flokk imqaccat u kif kienu qed jikkwistinjaw, ippretendew li kellhom jidhlu bhalhom. Qalet li kien hemm dan is-*security* li kien qed jitkellem ma Saviour li kellu xi haga f'idu u ta daqqa lil Saviour u nizzlu ma l-art u kien bid-daqqa li qala Saviour li gie mbuttat it-tarag u waqa ma l-art. Qalet li kien l-imputat li ta daqqa lil Saviour. Qalet li hdejn l-imputat kien hemm *security* iehor li kien qed ihebb ghal Saviour. Qalet li l-*partner* taghha beda jghid lis-*security* biex ma jaghtuhx iktar u dak il-hin rat lil Saviour iqum minn ma l-art mimli demm. Qalet li huma kienu pparkjaw ftit 'l fuq u kienu nezlin bil-pass minn hdejn it-*talkies*, lejn il-Fuego. Qalet li huma ltaqghu ma Saviour miexi bil-karozza bil-mod w imbaghad huma pparkjaw ftit il-boghod mill-'Fuego'.

Illi nhar t-tmintax ta' Jannar 2006 **xehdet Sharon Spiteri** [fol 30] fejn qalet li bejn il-hmistax w is-sittax ta' Lulju 2005 hi marret l-istabbiliment 'Fuego' w ippruvat tidhol flimkien ma zewgha u li kienu ser jiltaqghu ma koppja hbieb taghhom. Qalet li appena telghu t-tarag ta' dan l-

istabbiliment, gew avvicinati minn *security* li jahdem gewwa l-istabbiliment 'Fuego' u qalilhom li ma setghux jidhlu u dan b'referenza ghall-koppja li kienu maghhom. Qalet li staqsewh r-raguni ghaliex u dan qalilhom li minhabba l-ilbies. Qalet li huma riedu jkunu jafu ghaliex ma riedx ihallihom jidhlu peress li kien hemm nies ohrajn lebsin bl-istess manjiera. Sa dan it-tant kompliet tghid x-xhud, ma setghux ikomplu jitkellmu maghhom minhabba li s-*security* kien aggressiv hafna, beda jgholli lehnu, jitkellem baxx u jidghi. Qalet li huma bdew ikellmuh bir-raguni ghaliex ma setghux jidhlu u baqa jsostni li lil Raymond ma jhalliehx jidhol.

Imbghad, kompliet tghid x-xhud, kellu xi haga f'idejh u ta daqqa lil zewgha fuq wiccu u qalbu ma l-art. Qalet li dak il-hin li zewgha qam minn ma l-art u kien mimli demm. Qalet li staqsiet r-raguni lill-*owner* tal-istabbiliment 'Fuego' ghaliex ma waqafx dan l-argument u dan nonostante baqa jitkellem fuq il-mobile u ma tahhiex twegiba. Qalet li talbet lil tal-Fuego biex icempel ghall-ambulanza u l-pulizija pero dan beda jinjorha. Kompliet tghid li sadanittant is-*security* beda jaqla l-oggett li kellu mwahhal ma idejh u hi qaltlu "ghalfejn taghti daqqa b'arma f'idejk". Imbaghad kompliet tghid x-xhud, baqghu jinjorawha u kienet hi li cemplet lill-pulizija u ghall-ambulanza. Ziedet tghid li dak il-mument li gew il-pulizija marru l-isptar.

Mistoqsija kif kien l-oggett iebes li kellu mwahhal f'idu l-imputat, ix-xhud wiegbet li kien oggett iswed kbir qisu xi tlett pulzieri. Qalet li s-*security* in kwistjoni li kellu xi haga iebsa marbuta ma idejh, huwa l-imputat odjern. Qalet li l-'Fuego' huma marru bil-karozza taghhom. Qalet li kien hiereg bniedem u huma pparkjaw min floku, f'*parking* ma genb il-'Fuego'.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2006 **regghet xehdet Sharon Spiteri** (fol 59) fejn qalet li fl-ebda hin ma rat lil Saviour Spiteri ikun agressiv ma xi hadd u regghet ikkonfermat dan. Qalet li fl-ebda hin ma semghetu jidghi jew jitkellem hazin u lanqas ixejjer idejh u jolqot xi nies. Lanqas jipparkja hazin ma ratu. Qalet li huma pparkjaw flok karozza ohra li kienet harget. Qalet li ma semghetx li

zewgha jghid il-kliem “ma nibza minn hadd”. Kienet hi li cemplet lill-ambulanza ghaliex l-istabbiliment ma kkalkulawhiex. Ikkonfermat li l-*owner* ta’ l-istabbiliment m’ghamel xejn biex jipprova jwaqqaf dan l-argument.

**F’dan l-istadju sar konfront bejn Sharon Spiteri u Mark Grima.**

**Mark Grima qal** li meta hu ra dan l-incident, ma kienx ser jidhol fil-glieda pero cempel lill-pulizija biex jigu jaghtu l-assistenza taghhom u mhux darba imma ghal diversi drabi.

**Sharon Spiteri** f’dan l-istadju tghid li mhux minnu dak li qal Mark Grima ghaliex kienet hi li cemplet lill-pulizija.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2006 **xehed PS 69 Jesmond Cremona** [fol 36] fejn qal li bejn il-hmistax w is-sittax ta’ Lulju 2005 ghall-habta tas-siegha w nofs jew is-saghtejn ta’ filghodu kienu msejjha fejn l-istabbiliment ‘Fuego’ peress li kien hemm glieda. Qal li marru fuq il-post u mal-wasla taghhom raw persuna midruba li kien certu Saviour Spiteri u li gew infurmati li kien il-vittma f’dan il-kaz, li kellu xi demm hiereg minn imniehru. Qal li hemmhekk kien hemm naqra kommozzjoni w ippruvaw izommu daqxejn il-kalma. Spjega li l-vittma ndikalu min kien l-aggressur tieghu u cioe li kien wiehed mill-*bouncers* bl-isem ta’ David Bonello. Qal li Saviour Spiteri kien allega mieghu li dan David Bonello kien tah xi daqqa b’xi haga iebsa. Qal li waqt l-investigazzjoni li ghamel fuq il-post, hu tkellem ma David Bonello. Mistoqsi mill-ufficjal prosekutur jekk staqsewx lil tas-*security* jekk kienx ta xi daqqa b’oggett *radio two way*, x-xhud wiegeb li dak il-hin l-imputat kellu *radio* f’idejh w ikkonferma li r-*radio* in kwistjoni kien ghadu jiffunzjona. Ix-xhud esebixxi kopja ta’ l-okkorrenza relattiva, li giet immarkata bhala Dok PS.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2006 **xehed Raymond Zammit** [fol 42] fejn qal li xi zmien ilu kien cempillu Saviour Spiteri sabiex immur mieghu lejn l-istabbiliment ‘Fuego’ w iltaqghu hemm, hdejn il-‘Fuego’. Qal li gew sabiex jidhlu u hemmhekk raw lil David Bonello, l-imputat

odjern, li zammu milli jidhol fl-istabbiliment ‘Fuego’ ghax kien liebes T-shirt imqaccat. Qal li ezatt kif zammu, dahal wiehed li kien liebes flokk ezatt bhal tieghu u hu gibidlu l-attenzjoni mill-ewwel dwar dan u qallu ghaliex lilu kien zammnu filwaqt li l-iehor kien dahal. Qal li dak il-hin dar biex jara fejn huma in-nisa taghhom, li kienu warajh u kienu waqfu biex jitkellmu u fid-daqqa u l-hin semgha twerzieq.

Qal li kif dar semgha lil Sharon, il-mara ta’ Saviour tghid lill-imputat “b’dik tajtielu” b’referenza ghal xi haga li kellu f’idu. Qal li din il-haga hu ma rahiex. Qal li meta dar u ra lil Saviour iqum mill-art bid-demm ma wiccu u kien cert li Sharon bdiet tghid lil David u hu dar fuqu u staqsieh l-ghaliex? Kompla jghid li dan qallu “inti ser zzomm mieghu ukoll?” Qal li dak il-hin beda jigbed lil Saviour l-isfel ghax ra iktar *security* u lil wiehed minnhom qallu “ara ma taghtuhx daqqa ohra”. Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, ma baqghux jaghtuh u wara gew il-pulizija. Qal li Saviour kien boghod minnu zewg passi jitkellem ma Mark Grima, anzi zewg metri. Qal li meta dar biex jara fejn kienu n-nisa, l-imputat kien ftit il-fuq minnu, xi zewg metri boghod minnu. Qal li hu hares lejn in-nisa taghhom ghax sema’ it-twerzieq. Qal li lil Mark Grima ma jafux, jafu biss mit-*television* u lil imputat jafu ghax kien jilghab l-*billiards* mieghu il-Gzira. Qal li meta semgha lil Sharon tghid “b’dik tajtielu” fehem li bhal speci ‘missek tajt id-daqqa b’idek u mhux b’dak l-oggett li kellek f’idejk’. Zied jghid li meta hu dar, f’id David ma ra xejn. Qal li hu sofra ebda griehi f’dan l-incident.

Illi nhar t-tmienja ta’ Mejju 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 47] fejn ikkonferma l-istqarrija li rilaxxjat lill-pulizija, liema stqarrija tinsab inserita f’dawn l-atti. Mitlub jispjega x’ezattament ried ifisser meta qal li hu kien jaghmel xoghol ta’ *doorman*, spjega li x-xoghol ta’ *doorman* jikkonsisti billi jara lil min ser jidhol fl-istabbiliment li jkun ghassa mieghu, u dan billi jzommu l-ordni n-nies li jkunu dehlin peress li gieli jkun hemm il-kju specjalment fil-*weekend* u hu ikollu x’naqsam ma dak kollu li jigri madwar il-bieb. Qal li ghandhom

*policy* wkoll li jaraw xi jkun l-ilbies tan-nies peress li nies iridu jkunu lebsin *smart casual* fl-istabbiliment taghhom.

Mistoqsi jispjega l-incident li sehh gewwa l-istabbiliment ‘Fuego’ bejn il-lejl tal-hmistax w is-sittax ta’ Lulju 2005, wiegeb li fil-lejl imsemmi hu kien qed jaghmel xoghol ta’ *doorman* bhas-soltu, kien xi *weekend* ghax ftakar u kien hemm hafna nies. Qal li jghid li kien hemm hafna nies gewwa u barra fil-kju jistennew biex jidhlu. Qal li dak il-hin waqfet karozza b’daqxejn velocita iktar minn tas-soltu, telghet fuq il-bankina u pparkjat propju mal-bieb ta’ l-entratura u minnha hargu tnejn min nies, wiehed minnhom kien Saviour Spiteri, li ttenta jidhol bil-girja fl-istabbiliment li hu kien ghassa mieghu. Qal li hdejh kien hemm Mark Grima, l-*owner* tal-post. Spjega li meta kien diehel bil-girja, Saviour imbotta lil Mark Grima b’idu li kellu l-ponn u qallu ‘hawn rrid nipparkja ghaliex jiena ghala bieb . . . .’

Kompla jghid li huma dak il-hin hasbu li kien qed jiccajta, u Saviour zied jghid dak il-hin, “u dak li hemm mieghi, llum irid jidhol bil-fors ukoll”. Ix-xhud qal li hu beda jghidlu li hemmhekk kien hemm ir-regoli kif wiehed ghandu jilbes biex jidhol u b’referenza ghal dak li kien mieghu, ma setghax jidhol dakinhar. Qal li wara dan <u>sar aggressiv w nsista</u> li siehbu kellu jidhol ukoll. Meta ra hekk, kompla jghid x-xhud, li dan il-bniedem kien qed isir iktar aggressiv u peress li xi xhur qabel kien iltaqa ma din il-persuna meta kienet aggressiva ma xi ufficjali tal-pulizija, hu mar fuq siehbu, li kien baqa barra dak il-hin.

Qal li hu kien fuq tlett targiet u sieheb Saviour kien taht tlett targiet mat-triq u hu ttawwal biex jispjega lil sieheb Saviour, li kien jafu diga l-Gzira, u li dan ma kienx daqshekk aggressiv dak l-hin, biex ifehmu li ma setghax jidhol ghax ma kienx liebes xieraq. Qal li fil-fatt dan kien liebes flokk tac-cingi, aktarx qisu xi haga fil-vjola, qisu dak li jilbsu ta’ taht. Qal li l-persuna l-ohra jismu Raymond u hu beda jispjegalu, li kieku kien liebes flokk *sleeveless* setgha jdahhlu. Qal li dak il-hin hass daqqa minn wara u baqghu nezlin it-tarag l-isfel. Qal li dak il-hin li l-persuna kienet giet aggressiva kien dahhal idejh fil-but u hareg il-

mobile biex icempel lill-pulizija. Qal li hu ra li ma setghax jispjegalu u kien inutli.

Kompla jghid li kif kien bil-mobile f'idejh u persuna l-ohra fuqu, kien ser jaghfas in-numru, u waqa ghal isfel ghal fuqu, hu taht, u tkebbeb biex ma jaqlax u kwazi kien nizel ghal rasu minn wara. Kompla jghid li marru xi nies, fosthom xi *security* u kif hass ruhu *free*, telaq jigri l-gewwa. Qal li dak il-hin inhasad u bezgha. Qal li dak il-hin, mhux kemm dahal gewwa, izda qabez il-bieb, u baqa diehel gewwa fl-istabbiliment fit-terazzin. Qal li kien qisu mexa tul l-awla u nofs sa ma gew il-pulizija w ghalhekk rega' hareg u sibt lill-pulizija li kienu qed jiehdu hsieb l-affari. Qal li lilu fil-fatt lanqas rah meta kien hemm il-pulizija. Qal li xi nies u gabrulu r-*radio*, l-*earpiece* li ssoltu jkollu mwahhal ma genbu u l-*mobile phone* u tawhomlu. Qal li l-mobile ghadu ghandu ghalkemm huwa imkisser. Qal li dakinhar hu kien weggha genbu u mar l-isptar fejn hadulu xi X Rays. Zied jghid li Malcolm, *security* ta' dan l-istess stabbiliment kellu l-flokk imqatta u kellu girfa twila fuq sidru. <u>Cahad dak li gie allegat fil-konfront tieghu li ta xi daqqa bil-mobile phone</u>. Qal li lanqas jaf kif kien gie mbuttat ghal isfel. Qal li l-persuna li semma fl-istqarrija tieghu, maghrufa bhala l-"Wongi" huwa Saviour Spiteri. Qal li xi zmien qabel dan l-incident kellhom xi *bomb threat* u kienu gew il-pulizija tal-*bomb disposal* u talbu lin-nies biex johorgu u jaqsmu t-triq in-naha l-ohra. Qal li kien l-Ispettur Daniel Zammit li ta din l-ordni u talbu biex jersaq lil hemm. Qal li dakinhar f'dak il-hin Saviour kien dar fuq l-Ispettur u qallu "ara ma tmissnix u mur.."' u kellmu hazin u kien minn hemm li ha l-mpressjoni ta' din il-persuna. Qal li qabel dan l-incident hu ma kienx jaf lil Saviour Spiteri hlief di vista.

Mistoqsi jekk kellux lembuba dakinhar wiegebi le, qatt ma jkollu lembuba. Qal li kull ma kellu kien mobile hdejh u dan x'hin hargu biex icempel lill-pulizija. Qal li r-*radio* kien imwahhal bi *clip* u mieghu kellu speci ta' *earpiece* li tkun imwahhla ma widnejh, li tkun imwahhla wara. Qal li r-radio jiggangja mac-cintorin bi *clip*.

Mistoqsi jekk hassx ir-*radio* jinqala minn mieghu wiegeb li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk jiftakarx li l-“Wongi” kellu xi demm ma wiccu wiegeb li lanqas il-“Wongi” ma ra dak il-hin u li l-ahhar mument li ra lil “Wongi”, kien meta hallih biex inkellem lil siehbu Raymond, li kien fil-parti ta’ isfel tat-tarag filwaqt li hu kien fil-parti ta’ fuq tat-tarag. Ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxjajt, esebita fl-atti bhala Dok CA 1, fol 10 fl-intier taghha. Qal li minn dakinhar ma regghax iltaqa mieghu hlief meta rah jixhed il-Qorti. Qal li Saviour Spiteri wkoll kien tressaq il-Qorti fuq dan l-incident.

Mistoqsi jekk Saviour Spiteri u Raymond gewx wahedhom jew kienux akkumpanjati minn haddiehor qal li hu wahedhom rahom. Spjega li peress li dahal b’mod aggressiv, l-attenzjoni tieghu kienet biss fuqu. Qal li lil Saviour Spiteri hu hallih jitkellem ma Mark Grima u fuq in-naha l-ohra tat-triq fuq in-naha tax-xellug kien hemm is-*security* Malcolm Martin. Qal li ma dan il-bieb ma jkunx hemm *security* u li meta xi hadd jostakola l-entratura, huma jcemplu lill-pulizija.

Mistoqsi kemm kien boghod minn Mark Grima wiegeb li kien forsi zewg passi boghod, infatti l-“Wongi” qal lil Mark minghajr ma xi hadd staqsieh, li huwa dahal b’forza u lil siehbu ried ihallieh jidhol bilfors u kien dak il-hin li hu dar fuqu u qallu li hemmhekk kien hawn ir-regolamenti.

Mistoqsi kif jaf li kien hu li tah d-daqqa wiegeb li mar fuqu b’sahhtu w imbuttah t-tarag, ghalkemm d-daqqa ma rahx jaghtihilu. Spjega li meta jkun hemm incidenti bhal dawn, jew johorgu l-aggressur bil-kwiet, jew inkella jekk isiru aggressiv jcemplu lill-pulizija biex jghinuhom.

Mistoqsi kif ma bghattx ghal kollegi tieghu, wiegeb li ma kellux cans ghax ipprova jipperswadi lil sieheb Saviour Spiteri biex ikun siehbu stess li jipperswadieh u ma jkunx hu li jikkonfrontah.

Mistoqsi ghaliex ma cempilx lil shabu l-ewwel qabel ma cempel lill-pulizija, wiegeb li shabu kienu diga hdejh.

Mistoqsi kif Malcolm Martin spicca bil-flokk imqatta wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar l-erbatax ta’ Gunju 2007 **xehed l-Ispettur Daniel Zammit in difesa** [fol 75] fejn mistoqsi jekk jafx lil xi hadd maghruf bhala l-“Wongi”, wiegeb fl-affermattiv. Qalo li madwar sena w nofs ilu kien xoghol Paceville u kien hemm theddida ta’ bomba fl-istabbiliment ‘Fuego’ u wara li kien tkellem mad-dirigienti tal-istabbiliment ‘Fuego’, ittiehdet decizjoni li jigi evakwat il-post minhabba ragunijiet ta’ sigurta sabiex issir tfittxija fl-istess stabbiliment. Qal li fil-fatt kien hemm certu Saviour Spiteri li baqa fin-nofs u ma kkoperax mal-pulizija. Qal li x’hin marru jitolbuh jersaq minn hemm, <u>sahansitra spicca aggressiv mal-Pulizija u dispreggjattiv fil-konfront taghhom</u>. Zied jghid li dan fil-fatt kien baqa fil-bieb tal-istabbiliment dakinhar u kien f’dan il-mument li nqala l-argument bejn il-pulizija u dan Saviour Spiteri. Qal li fuq dan kien anke sar rapport u eventwalment dan kien tressaq il-Qorti w instab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Qal li f’dan l-incident pero hadd ma kien wegga’.

Kompla jghid li lil imputat kien jafu u sakemm hu dam stazzjonat l-ghassa Tas Sliema waqt li kien ikopri San Giljan wkoll, qatt ma sab tfixkil mill-imputat, anzi pjuttost ghajnuna sab minnu fis-sens li meta kienu jkunu ftit pulizija, l-imputat kien jghinhom jikkalmaw is-sitwazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, ma hemmx dubbju, jirrizulta li bejn il-hmistax w is-sittax ta’Lulju 2005, inqala incident fl-istabbiliment maghruf bl-isem ‘Fuego’, bejn l-imputat David Bonello w il-vittma Saviour Spiteri.

Il-prosekuzzjoni tallega li l-imputat kien aggressiv mal-vittma w ikkagunalu feriti ta’ natura gravi.

Id-difiza minn naha taghha, fit-trattazzjoni li ghamlet stqarret li dak li ghamel l-imputat, kien rizultat ta’ *self defense* u jekk il-Qorti ma tilqax din d-difiza taghha, stqarret wkoll li kien hemm element ta’ provokazzjoni.

L-imputat qajjem d-difiza ta' legittima difesa kif kontemplata fl-artikolu 224 tal-Kap 9.

Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid:

"*Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan l-kliem huwa car hafna fih innifsu. L-artikolu 224 tal-istess Kap 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

L-origini tal-artikoli 223 u 224 tal-Kodici Penali ghandhom l-origini taghhom fil-***Codice delle Due Sicilie*** **u l-Kodici Franciz.** Dan jirrizulta mir-rapport tal-Kummissarju Andrew Jamess li gie ppresentat lil Gvern meta kienu qed jigu promulgati dawn l-artikoli fil-Kodici taghna. Fil-fatt fir-***Rapporto sui progetti di legge penali e di organizzazione e procedura penali per l'Isola di Malta*** **(30/05/1835)** a fol 2 insibu referenza ghal dawn l-artikoli u cioe':

"*Essa non e altro nella sua generale sostanza che il Codice Penale per lo regno delle Due Sicilie, il quale Codice si per essere redato nella lingua italiana, come per altre molte valevoli considerazioni e' quello che meglio di ogni altra, giudichiamo poteva esservi adattato. Essendo*

*poi lo stesso Codice Siciliano non altro che il Codice Penale Francese.*"

Illi ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghal kommentaturi fuq dawn iz-zewg Kodici b'referenza ghal dawn iz-zewg artikoli.

Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Jigifieri, li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha irrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu ikun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat.

Il-**Professur Mamo** jghid :

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed irid jpoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li ikun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, mid-distanza li kien u cioe tant vicina. Huwa importanti li l-perikolu ikun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjiega **Antolisei:**

"*Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e*

*voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente'* (***Manuale di Diritto Penali - Parte Generale - pg. 261***).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt iv pg. 734, ***deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937***, il-Qorti qalet sabiex jissusisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu imminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Din tkun wkoll l-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione di Roma *tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar,1978 (Anali della Giurisprudenza Italiana(1878) Parte Penale - pg. 56***) :

*"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile.*"

F'dan ir-rigward, l-ligi skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-**HM Advocate vs Kizileviczius 1983 JC *( A Casebook of Scottish Law ) pg 347*** - li :

"*To reach the first result, that is to say the result of complete acquital, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assualts were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissusisti d-difiza ta' legittima difesa irid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi w inevitabbli.

Rigward l-ewwel element u cioe li l-aggressjoni trid tkun ingusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza".

Skond **Antolisei** "*l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto*".

Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu ***Trattato di Diritto Penale (parte generali pg. 358)*** jghid:

"*La giustificante dell articolo 52 (which corresponds to our Sec 223) non e affalto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa*".

**Il-Professur Mamo jghid:**

"*The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent*".

Fit-tielet lok l-inevitabilita. Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar,1958*** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb** il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita, u minghajr l-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jinghata din l-iskriminanti. Infatti f'**Anali della Giurisprudenza Italian*a*** ( pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898) gie deciz li:

*"Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

Sabiex l-perikolu jfisser *situazione inevitabile*, il-perikolu irid ikun "*sudden*" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma *necessitas est lex*.

Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** (vol XXXIX pg 1072) li:

"*Id-dispozizzjoni tal-ligi, li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-propjeta tal-feritur, tirrikjed,i li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta u in difesa attwali taghha.*"

Fil-fatt Canofari, **Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie** (pg. 204 - lib 11- titole VIII) dwar l-artikolu 373 tal-***Codice delle Due Sicilie*** li jikkorrispondi ghall-artikolu 223 tal-Kap 9, jghid:

"*La legge e protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato.*"

L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid **Carrara** (pg**.** 209 - 306 ***Programma***):

"*Cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocenti. Tali mezzi si riducono alle preghiere, all'acclamazione alla fuga."*

Skond **l-Imhallef Harding,** kif gie deciz fil-kawza fuq imsemmija, **Il-Pulizija vs Toni Micallef,** ir-rekwizit tal-gravita, jezigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-

kaz u proprju dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, jkun konvint li huwa agixxa taht id-difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa iddefenda ruhu mill-perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli, stante li l-aggressur tieghu kellu mus u kien ser jaggredih bih peress li ma kienx ghadu thallas lura t-tmenin lira maltin li kien silef lil imputat.  L-imputat rreagixxa bl-istess mod li kien affrontat bih.

Id-difiza qajmet wkoll id-difiza tal-provokazzjoni, f'kaz li l-Qorti ma laqghetx id-difiza tal-legittima difesa.

Il-Qorti thoss li dawn iz-zewg difisi mhumiex konsegwenzjali ghal xulxin, huma differenti ghaliex waqt li sabiex jissusisti n-necessita' attwali huma importanti li dak li jghid l-imputat inghad biex jippreserva kull dritt kontra perikolu imminenti, waqt li l-provokazzjoni jippresupponi reazzjoni kawzata minn rabja u agir subitaneo karatterizzata b'tpattija u mhux difiza.

**Manzini jghid:-**

"*L'ammissione dell'uno importa l'esclusione dell'altra, senza oblligo per il giudice d'esporre la ragione della esclusione, in quale la prima (i.e. la legittima difesa) esige la necessita di difendere un diritto, mentre la vendetta caratteristica della seconda non e mai necessaria e non e difesa dei diritti.*"

Fil-fatt, il-provokazzjoni huwa ammess bhala fattur mitiganti minhabba l-fatt li l-agent meta kien qed jagixxi, tilef il-kontroll ordinarju tieghu nniffsu minhabba l-passjoni kreata mill-att provokattiv tal-agent li gieghlu jsir inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu li hu importanti u ghalhekk agixxa b'dak il-mod.  Fi kliem **Manzini** (vol 2, pg. 240 - ***Diritto Penale***) -

"*In uno stato di ira determinata da un fatto ingusto altrui...*"

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Vella et *fid-***

***dsatax ta' Frar, 1998***, fejn elaborat fuq id-differenza ta' dawn iz-zewg difesi.

Kif jghid **Hart** fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility:***

*"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminutiv of punishment because the agents ability to control his action is thought to have been impared or weakened othewise then by his own actions so that conformity to the law which he had broken was a matter of special difficulty for him, as compared with normal persons normally placed.*"

Il-Qorti pero ma thossx li ghandha tilqa din id-difiza ta' provokazzjoni biex tiskuza l-imputat ghall-agir tieghu u dan ghaliex fil-fehma tal-Qorti, l-imputat agixxa taht d-difiza ta' legittima difesa u ghamel dak li ghamel biex jiddefendi lilu nniffsu.

Jirrizulta li l-vittma ghandu karattru aggressiv hafna kemm minn dak li qalu x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni stess kif wkoll minn dak li qal l-Ispettur Daniel Zammit dwar dak li sehh ftit taz-zmien qabel l-incident in kwistjoni, meta sahansitra l-Pulizija Ezekuttiva kellha tohrog akkuza kontra tieghu talli hebb ghal Ufficjali tal-Pulizija.

Illi jirrizulta mill-atti ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dakinhar tal-incident, l-vittma nizel mill-vettura tieghu, dahal fl-istabbiliment 'Fuego' b'rabja, beda jitkellem b'mod arroganti u jipprova jipperswadi lil *bouncers* tal-istess stabbiliment sabiex ihallu lil siehbu jidhol minkejja li kien liebes hwejjeg mhux addatati ghad-dhul f'dan l-istabbiliment. Illi Saviour Spiteri ma riedx jottempera ruhu mar-regolamenti tal-istabbiliment fejn xtaq jidhol, anzi beda jtawwal ilsienu u jinjora d-direttivi li beda jinghata.

Illi mart il-vittma, il-vittma u l-koppja li kienu maghhom, ilkoll qalu li l-imputat kien aggressiv mal-vittma pero qablu li l-vittma ma kienx liebes sew. Minkejja dan ma jaghtux raguni l-ghala kien hemm dan l-incident, fuq x'hiex beda jew ghaliex il-*bouncers* ma riedux lil habib tal-vittma jidhol.

Huma ma jghidu xejn dwar dan. L-imputat jghid li ma jafx min tah d-daqqa waqt li martu tikkonferma li kien l-imputat li laqtu bir-*radio*. Dan nonostante, l-imputat jghid li ma jafx li laqtu w ix-xhieda okulari, impjegati mal-istabbiliment 'Fuego', jikkonfermaw dak li jghid hu.

Jirrizulta li waqt r-rilaxx tal-istqarrija, l-imputat gie mistoqsi jekk tax xi daqqa lil vittma u dan cahad li effettivament tah daqqa pero jghid li huwa spicca ferut tant li mar ghand t-tabib w inghata certifikat mediku tal-feriti li sofra.

Il-Qorti hi tal-fehma li dak li ghamel l-imputat, ghamilu *in self defense*, sabiex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni tal-vittma.

Il-Qorti rat li l-imputat kien bezghan mill-ateggjament u komportament tal-vittma stess u taqbel ma dak li jghid **Carrara** fis-sens li "***i piedi per correre sono fatti per i conigli***" w ghalhekk ma tippretendix li l-imputat kellu jitlaq jigri meta affrontat bil-perikolu.

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq esposti, il-Qorti tara li l-imputat kien gustifikat li agixxa b'dak il-mod tal-legittima difesa ghalih inniffsu u b'nuqqas ta' volunta u stante li dawn l-eccezzjonijiet qed jigu milqugha u wara li l-Qorti rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed tillibera lill-imputat mill-akkuza li voluntarjament kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Saviour Spiteri.**

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 224 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li mhux qed issib lil imputat DAVID BONELLO hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------